MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 46/2012

**A B**

**vs**

1. **C D**
2. **D B u b'digriet tat-3 ta' April 2012 l-Avukat Dr Anthony Cutajar u il-PL Louisa Tufigno gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lit-tifla minuri S B**
3. **Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-esponenti ilha f'relazzjoni mal-intimat C D ghal dawn l-ahhar cirka erbgha (4) snin nonostante illi sal-lum l-istess ghadha ma hijiex legalment separata;
2. Illi l-esponent u l-intimat C D kellhom tarbija minn din ir-relazzjoni bl-isem ta' S B li twieldet nhar it-tnax (12) ta' Awissu elfejn u hdax (2011) dana kif jidher mic-certifikat tat-twelid anness li jindika lill-intimat D B bhala l-missier;
3. Illi l-minuri gie registrat fir-Registru Pubbliku mill-esponenti b'Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni tlett elef mija u disgha u disghin (3199) tas-sena elfejn u hdax (2011) li jindika lill-intimat D B bhala l-missier naturali (Dok A);
4. Illi minkejja li t-tifla minuri giet registrata bhala t-tifla naturali ta' l-intimat D B stante li twieldet matul iz-zwieg ma l-intimat D B, l-esponenti kienet ghal aktar minn tlett mitt (300) gurnata qabel it-twelid ma tghammarx ma l-istess D B u di piu, ezami genetiku (Dok B) juri li l-intimat C D huwa l-missier tal-minuri S B;
5. Illi kontestwalment r-rikorrenti qieghed jipprezenta rikors sabiex jinhatru deputati kuraturi sabiex jirrapprezentaw il-minuri S B;

Talbet ghalhekk ghar-ragunijiet suesposti li l-konvenuti jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri S B ma hijiex il-wild naturali ta' l-intimat D B izda hija il-wild naturali ta' l-intimat C D;
2. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri S B bin-numri ta' iskrizzjoni tlett elef mija u disgha u disghin (3199) tas-sena elfejn u hdax (2011) jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem D B jigu sostitwiti bis-segwenti konnotati:

   *C D iben Saviour u Mary nee' Mercieca imwieled Pieta' u residenti Rahal Gdid detentur tal-karta ta' l-Identita Numru 291076(M);*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament, *stante* l-fatt li għaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri S B, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**Artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri S B, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għall-proċediment tal-azzjoni odjerna.

2. Illli bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri S B, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri S B ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha bin-numru ta' iskrizzjoni 3199 tas-sena 2011;

4. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess C D sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri S B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmiha minuri, (6) jekk missieru patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla S B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit S B;

5. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*<u>the said</u>*' li jinsabu qabel isem D B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm

għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 3199 tas-sena 2011;

6. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-minuri S B trid tagħżel liema kunjom ħa zżomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

7. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Anthony Cutajar u il-PL Louisa Tufigno, li *in forza* taghha huwa eccepew:

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Anthony Cutajar u PL Louisa Tufigno;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illli l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri S B *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri, li twieldet nhar it-12 ta' Awwissu 2011[1] twieldet fiz-zwieg bejn l-istess attrici u l-intimat D B *stante* li huma biss separati *de facto* u dan mis-sena 2003, mhijiex il-wild naturali ta' D B izda ta' C D. Illi minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mil-ligi, l-istess minuri giet imnizzla bhala l-wild naturali tal-intimat D B, izda l-istess minuri m'hijiex bintu naturali izda l-wild naturali tal-intimat l-iehor C D. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza l-attrici qieghda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-intimat D B mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-konnotati tal-intimat l-iehor C D.

**<u>Il-Verzjoni tar-Rikorrenti</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[2] r-rikorrenti tghid li hi u l-intimat D B ilhom separati *de facto* ghal snin twal b'dan li s-separazzjoni taghhom qatt ma giet finalizzata. Izzid tghid li r-relazzjoni mal-intimat l-iehor C D ilha ghaddejja snin u li l-minuri S hija l-frott tar-relazzjoni taghha ma' C D. Tikkonferma li ma kellha relazzjonijiet ma' hadd aktar u li ghalhekk m'ghandha ebda dubju dwar min jista' jkun missier l-istess tarbija. Barra minn hekk, taghmel referenza ghat-testijiet genetici li jkomplu jaghtu konferma ta' dan kollu.

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 9 tal-process
[2] Esebit a fol 47 tal-process

**<u>Eccezzjonijiet ta' natura preliminari jew legali</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni u cioe' dik relatata man-nuqqas da parti tal-attrici li titlob l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabeix tintavola din il-kawza meta kienu ghaddew aktar minn sitt (6) xhur mit-twelid tal-minuri din l-eccezzjoni giet survolata permezz tar-rikors datat it-tmienja (8) ta' Mejju 2014[3], liema rikors gie milqugh permezz ta' digriet datat it-tnax (12) ta' Mejju 2014. Konsegwentement l-ewwel eccezzjoni giet survolata.

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni u cioe' dik relatata man-nota bid-dettalji tal-intimat f'kaz li t-talba attrici tigi milqugha, din ukoll giet survolata permezz ta' nota esebita in atti a fol 56 tal-process u konsegwentement anke r-raba' eccezzjoni giet survolata. L-istess jista' jinghad ghas-sitt eccezzjoni li hija relatata mal-kunjom li ghandha tassumi l-wild f'kaz li t-talbiet attrici jintlaqghu u dan *stante* li permezz tal-istess nota, l-intimat jindika l-kunjom 'D' bhala l-kunjom li ghandha tassumi l-minuri.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tal-intimat D B u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f'Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet pruvata.

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku esebit in atti gie kkonfermat li l-intimat C D huwa l-missier naturali tal-istess tarbija. B'hekk, permezz tal-istess test jirrizulta bl-aktar mod car li r-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri verament mhijiex il-wild naturali tal-intimat

[3] Ara a fol 59 tal-process

l-iehor D B. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li tali fatt huwa pacifiku bejn il-partijiet. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri mhijiex il-wild naturali tal-intimat D B.

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk l-attrici rnexxilhiex taghti prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, rnexxilhiex tissorpassa u teghleb il-presuzjonijiet legali relatati mal-istess mertu. Ghal dak li jirrigwarda l-presunzjonijiet legali, l-Qorti terga' taghmel referenza ghall-aqwa prova li fil-fatt giet esebita in atti u cioe' d-DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f'dawn it-tip ta' kawzi u ghaldaqstant tqis li r-rikorrenti rnexxielha teghleb il-presunzjonijiet legali kollha u pruvat sal-grad rikjest mill-ligi t-talbiet taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri S B mhijiex il-wild naturali tal-intimat D B izda l-wild naturali ta' C D.
(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna d-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-twelid bin-numru 3199/2011, jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-Att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem D B jigu sostitwiti bil-konnotati segwenti:

Isem u kunjom: C D

Karta tal-identita' numru: 291076M

Eta': 35

Post tat-twelid: Pieta'

Post ta' residenza meta twieldet il-minuri: Rahal Gdid

Isem u kunjom tal-missier patern: Saviour D li kien mejjet fiz-zmien it-twelid tat-tarbija

Il-kunjom li ghandha tassumi l-minuri: D

Il-Qorti tordna ukoll illi l-kliem ‘the said’ li jinsabu qabel isem D B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 3199 tas-sena 2011;

Bl-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti u mill-intimat C D fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------